PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0451/2013

6.12.2013

***I
RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwaqqaf Strument għall-Istabbiltà
(COM(2011)0845 – C7-0497/2011 – 2011/0413(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Reinhard Bütikofer

Magħquda fid-diversità

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA 36

STATEMENT BY THE COMISSION ON THE STRATEGIC DIALOGUE WITH THE EUROPEAN PARLIAMENT 36

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP 38

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI 52

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS 58

PROĊEDURA 67

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar li jwaqqaf Strument għall-Istabbiltà
(COM(2011)0845 – C7-0497/2011 – 2011/0413(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0845),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 209(1) u 212(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0497/2011),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-4 ta' Diċembru 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u il-Kumitat għall-Baġits (A7-0451/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

li jwaqqaf Strument li *jikkontribwixxi għall*-Istabbiltà *u l-Paċi*

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209(1) u 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

***Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni*[1]**

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌

[1] ***ĠU C 391, 18.12.2012, p. 110***

Wara t-trasmissjoni tal-att leġislattiv lill-***parlamenti*** nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi wieħed mill-istrumenti li jipprovdu appoġġ dirett għall-politika esterna tal-Unjoni Ewropea. Huwa ser jieħu post ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà [1] li ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.

(2) Il-preservazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni ta' konflitti, it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali u l-għajnuna lill-popolazzjonijiet, lill-pajjiżi u lir-reġjuni kkonfrontati minn diżastri naturali jew minn dawk ikkaġunati mill-bniedem huma fost l-objettivi ewlenija tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, hekk kif ***stabbilit , fost l-oħrajn,*** ▌ ***fl-Artikolu*** 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ***(TUE)***. Il-kriżijiet u l-konflitti li jolqtu lill-pajjiżi u ***r-reġjuni,*** u fatturi oħrajn bħat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, ***vjolenza bbażata fuq is-sessi,*** it-tibdil fil-klima, l-isfidi għaċ-ċibersigurtà u t-theddid ***għas-sigurtà li jiġi minn*** diżastri naturali joħolqu riskju għall- ▌ istabbiltà u s-sigurtà. Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv u bikri dawn il-kwistjonijiet, jenħtieġu riżorsi finanzjarji u strumenti ta' finanzjament speċifiċi li jistgħu jaħdmu b'mod komplimentari ma' strumenti ta' għajnuna umanitarija u ta' kooperazzjoni fuq perijodu ta' żmien twil.

▌

(3) ***Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2001, il-Kunsill Ewropew approva*** l-Programm ***tal-Unjoni*** għall-Prevenzjoni ta' Konflitti Vjolenti, ***li enfasizza*** l-impenn politiku ***tal-Unjoni*** biex il-prevenzjoni ta' konflitti titqies bħala wieħed mill-objettivi ewlenin tar-relazzjonijiet esterni tal-***Unjoni***, u ***rrikonoxxa*** li l-istrumenti għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp jistgħu jikkontribwixxu għal dan l-għan ▌ . Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ▌ tal-20 ta' Ġunju 2011 ddikjaraw mill-ġdid il-validità

---

[1] ***Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...***

▌

[1] ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1-11

ta' ***dak il-Programm*** bħala bażi ***ta' politika*** valida għall-azzjoni ulterjuri ▌ tal-Unjoni fil-***qasam*** tal-prevenzjoni ta' konflitti. ***Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Novembru 2009, il-Kunsill approva l-'Kunċett dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet ta' Medjazzjoni u Djalogu tal-UE' .***

▌

(4) ***Il-konklużjonijiet*** tal-Kunsill ***tad-19 ta' Novembru 2007 dwar reazzjoni tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità u l-konklużjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, bl-istess data tad-19 ta' Novembru 2007 dwar is-sigurtà u l-iżvilupp, enfasizzaw*** li r-rabta bejn l-iżvilupp u s-sigurtà għandha tinfluwenza l-istrateġiji u l-politiki tal-***Unjoni*** sabiex tikkontribwixxi għall-***Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (Policy Coherence for Development (PCD)) f'konformità mal-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u għall-***koerenza tal-azzjoni esterna tal-***Unjoni b'mod ġenerali***. B'mod aktar speċifiku, il-Kunsill ikkonkluda li l-ħidma futura fir-rigward tas-sigurtà u tal-iżvilupp għandha tinkludi l-implikazzjonijiet ta' sigurtà u ta' żvilupp tal-bidla fil-klima, il-kwistjonijiet ambjentali u l-kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riżorsi naturali u l-migrazzjoni.

(5) Il-Kunsill Ewropew approva l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà fit-12 ta' Diċembru 2003 u ***l-analiżi kondiviża tar-***Rapport ta' Implimentazzjoni tagħha fil-11 ta' Diċembru 2008. ***Fil-komunikazzjoni tagħha bit-titolu*** "Strateġija ta' Sigurtà Interna tal-UE ***fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa sikura" il-Kummissjoni nnotat*** ukoll l-importanza tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet reġjonali**,** b'mod partikolari għall-ġlieda kontra theddid multipli bħalma huma t-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tad-***droga*** u t-terroriżmu.

(***6***) ***Fil-Komunikazzjoni bit-titolu 'Lejn reazzjoni tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità - l-involviment f'ambjenti diffiċli għall-iżvilupp sostenibbli, l-istabbiltà u l-paċi', il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-kontribut essenzjali li tagħti l-kooperazzjoni tal-Unjoni għall-promozzjoni tal-paċi u l-istabbiltà billi tindirizza espressjonijiet ta' vjolenza u l-kawżi prinċipali tan-nuqqas ta' sigurtà u l-konflitt vjolenti; dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għal dawn il-miri.***

(7) ***Fit-8 ta' Diċembru 2008, il-Kunsill approva approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Nri 1325 (2000) u 1820 (2008) dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, li jirrikonoxxu r-rabtiet mill-qrib bejn il-kwistjonijiet ta' paċi, sigurtà, żvilupp u ugwaljanza bejn is-sessi. L-Unjoni b'mod konsistenti appellat għall-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà kif tinsab fir-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, partikolarment il-ħtieġa għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa f'sitwazzjonijiet ta' konflitt u għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-bini tal-paċi.***

(8) ***Il-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, adottati mill-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2012, jappellaw għall-iżvilupp ta' gwida operazzjonali biex jiġi żgurat li jitqiesu d-drittijiet tal-bniedem fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' assistenza kontra t-terroriżmu, u jissottolinjaw li l-eliminazzjoni tat-tortura jew trattament ieħor krudili, inuman jew degradanti, u r-rispett għal proċess dovut (inkluż li wieħed jiġi preżunt innoċenti, li jkun hemm proċess ġust, u drittijiet għal difiża) huma prijorità tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.***

(9) ***Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem tqiegħdu fuq quddiem fir-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi u għalhekk għandhom jitqiesu bħala prinċipji skont dan ir-Regolament.***

(10) Id-Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu tal-25 ta’ Marzu 2004 għamlet sejħa biex l-objettivi tal-ġlieda kontra t-terroriżmu jiġu integrati fil-programmi ta' għajnuna esterna***. L***-Istrateġija ***tal-Unjoni*** Ewropea għal Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, adottata mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2005, sejħet għal żieda fil-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi u man-Nazzjonijiet Uniti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu***. Il-Konklużjonijiet*** tal-Kunsill ***tat-23 ta' Mejju 2011 dwar it-tisħiħ tar-rabtiet*** bejn ***l-aspetti interni u esterni tal-ġlieda kontra*** t-terroriżmu appellaw ▌ ***biex tissaħħaħ*** il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu f'pajjiżi terzi fil-programmazzjoni strateġika tal-Istrument għall-

Istabbiltà ***stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

[3] ***Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).***

(11*)* Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 ġie adottat bil-għan li jippermetti lill-Unjoni tipprovdi rispons konsistenti u integrat għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta’ kriżi emerġenti, sabiex jiġi indirizzat it-theddid speċifiku għas-sigurtà ***globali u*** transreġjonali u biex tissaħħaħ it-tħejjija għall-kriżijiet. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jintroduċi Strument rivedut, li jibni fuq l-esperjenza ta' ▌ ***Regolament (KE) Nru 1717/2006***, sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-Unjoni fl-oqsma tal-prevenzjoni ta’ konflitti u tar-reazzjoni għall-kriżijiet, tat-tħejjija għall-kriżijiet u tal-bini tal-paċiu fl-indirizzar tat-theddid ▌ ***u sfidi*** għas-sigurtà.

(12) Miżuri ***adottati skont dan*** ir-Regolament ***għandhom*** jilħqu l-objettivi tal-Artikolu 21 ***TUE*** u tal-Artikoli 208 u 212 ***TFUE.*** Huma jistgħu jikkomplementaw u għandhom ikunu konsistenti ma' miżuri adottati mill-Unjoni għall-ilħuq tal-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà komuni fil-qafas tat-Titolu V ***TUE,*** u miżuri adottati fil-qafas ta' ***Parti Ħamsa TFUE.*** Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw biex jiżguraw tali konsistenza, kull istituzzjoni skont is-setgħat rispettivi ***tagħha***.

(13) Dan ir-Regolament għandu jkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ('SEAE') kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE. Id-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli dwar il-kontabbiltà politika annessa għal dik id-Deċiżjoni tikkonferma l-prinċipji ta' djalogu ma', konsultazzjoni ta', u l-għoti ta' informazzjoni u rappurtar lill-Parlament Ewropew.

(14) Il-Kummissjoni u s-SEAE, kif xieraq, għandu jkollhom skambji regolari u frekwenti ta' fehmiet u informazzjoni mal-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, skont il-ftehimiet interistituzzjonali rilevanti dwar il-kwistjoni, il-Parlament Ewropew għandu jingħata aċċess għal dokumenti sabiex id-dritt ta' skrutinju

4 Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta’ Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jiġi eżerċitat b'mod infurmat.

[5] ***Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).***

(15) ***Ir-regoli u l-proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna huma stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1][2] ***'ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni'.***

▌

(16) ***Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Is-setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-miżuri ta' programmazzjoni u ta' implimentazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

(17) ***B'kont meħud tan-natura ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari n-natura tal-orjentazzjoni tal-politika tagħhom jew l-implikazzjonijiet baġitarji tagħhom, il-proċedura ta' eżami għandha, fil-prinċipju, tintuża għall-adozzjoni tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' miżuri fuq skala finanzjarja żgħira.***

(18) ***Il-Kummissjoni għandha tadottaatti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fejn, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-ħtieġa għal reazzjoni rapida mill-Unjoni jirrikjedu raġunijiet imperattivi ta' urġenza.***

(19) ***L-Unjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli sabiex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan għandu jinkiseb permezz ta' koerenza u komplementarjetà bejn l-Istrumenti għall-azzjoni esterna, kif ukoll il-ħolqien ta' sinerġiji bejn dan l-Istrument, Strumenti oħra għal azzjoni esterna u politiki oħra tal-Unjoni. Dan għandu jinvolvi wkoll it-tisħiħ reċiproku tal-programmi ppjanati taħt dawn l-Istrumenti.***

---

1 ***Regolament (UE, Euratom) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna***

2 ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data, in-numru u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament PE-CONS …/2013-2011/0412 (COD).

(20) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri ***iżda pjuttost***, minħabba l-iskala ***jew l-effetti*** tal-azzjoni, jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà ***kif*** stabbilit fl-Artikolu 5 ***TUE***. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(21) Minħabba li r-Regolament (UE) Nru. 1717/2006 jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(22) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu ta' dan ir-Regolament, li għandu jikkostitwixxi l-ammont ewlieni ta' referenza, fis-sens tal-punt 17a tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' .... bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar l-amministrazzjoni finanzjarja tajba[7*], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

(23) Huwa adatt li t-tul ta' żmien ta' dan ir-Regolament jiġi allinjat mar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[1]. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

7 ***ĠU ...***

* ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali li jinsab fid-dok 11838/13.***

1 ĠU ...

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u objettivi

1. ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi Strument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi li jipprevedi, għall-perijodu 2014-2020, appoġġ dirett għall-politika esterna tal-Unjoni billi jżid l-effiċjenza u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-Unjoni fl-oqsma tal-prevenzjoni ta' konflitti, tat-tħejjija għal kriżijiet u tar-reazzjoni għall-kriżijiet u tal-bini tal-paċi, u fit-trattament ta' theddid globali u transreġjonali.***

2. L-Unjoni għandha tadotta miżuri għal kooperazzjoni fl-iżvilupp, kif ukoll miżuri għal kooperazzjoni finanzjarja**,** ekonomika u teknika ma' pajjiżi terzi, ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali u ma' atturi oħra ***Statali*** u ***tas-soċjetà ċivili*** taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

3. ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-atturi tas-soċjetà ċivili għandhom jinkludu organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw popolazzjonijiet indiġeni, gruppi lokali taċ-ċittadini u assoċjazzjonijiet tan-negozjanti, kooperattivi, trade unions, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw interessi ekonomiċi u soċjali, organizzazzjonijiet lokali (li jinkludu netwerks) involuti fil-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali deċentralizzati, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet tan-nisa u taż-żgħażagħ, organizzazzjonijiet għat-tagħlim, kulturali, ta' riċerka u xjentifiċi, universitajiet, knejjes u assoċjazzjonijiet u komunitajiet reliġjużi, il-medja u kwalunkwe assoċjazzjonijiet nongovernattivi u fondazzjonijiet privati u pubbliċi li x'aktarx jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew għad-dimensjoni esterna tal-linji politiċi interni. Korpi jew atturi oħrajn mhux elenkati f'dan il-paragrafu jistgħu jiġu ffinanzjati meta dan ikun meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.***

4. ***L***-objettivi ***speċifiċi*** ▌ ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu:

(a) li f'sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti, jikkontribwixxi malajr għall-istabbiltà billi tiġi pprovduta reazzjoni effettiva ***mfassla*** biex jgħin jippreserva, jistabbilixxi jew jistabbilixxi mill-ġdid il-kondizzjonijiet essenzjali għall-implimentazzjoni xierqa tal-politiki ***u azzjonijiet esterni tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 TUE***;

(b) li ***jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta'*** konflitti ***u jiżgura kapaċità u*** tħejjija għall-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara kriżi u jikkontribwixxi għall-bini tal-paċi; ***u***

(c) li jindirizza theddid speċifiku globali u transreġjonali ***għall-paċi u s-sigurtà u l-istabbilità internazzjonali.***

Artikolu 2

Konsistenza u komplementarjetà tal-għajnuna tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miżuri adottati ***skont*** dan ir-Regolament huma konsistenti mal-qafas ta' politika strateġika ġenerali tal-Unjoni għall-***pajjiżi*** sħab, u b'mod partikolari mal-objettivi tal-***miżuri*** msemmija fil-paragrafu 2, kif ukoll ma' miżuri oħra rilevanti tal-Unjoni.

2. Il-miżuri ***adottati skont*** dan ir-Regolament jistgħu jikkomplementaw**,** u għandhom ikunu konsistenti ma' miżuri adottati taħt it-Titolu V ***TUE u l-Parti V TFUE. Il-miżuri adottati skont dan ir-Regolament għandhom iqisu, kif dovut, il-fehmiet tal-Parlament Ewropew***.

3. L-għajnuna tal-Unjoni pprovduta taħt dan ir-Regolament għandha tikkomplementa l-għajnuna pprovduta mill-▌ istrumenti tal-Unjoni għall-għajnuna esterna**,** għandha tiġi pprovduta biss sakemm dawk l-istrumenti ma jkunux jistgħu jipprovdu reazzjoni adegwata u effettiva***, u għandha tiġi ppjanata u implimentata b'tali mod li tiffaċilita l-kontinwità tal-azzjonijiet meħuda taħt dawk l-istrumenti, fejn applikabbli.***

4. Il-kwistjonijiet trasversali li ġejjin għandhom jiġu inklużi, fejn possibbli, inkluż fil-programmazzjoni:

(a) il-promozzjoni tad-demokrazija u l-governanza tajba;

(b) id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja, inkluż id-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet ta' popli indiġeni;

(c) in-nondiskriminazzjoni;

(d) l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lin-nisa;

(e) il-prevenzjoni ta' konflitti, u

(f) it-tibdil fil-klima.

5. L-attivitajiet ***li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni*** tar-Regolament ***tal-Kunsill*** (KE) Nru 1257/96[1] ***u*** d-Deċiżjoni ***(UE) Nru .... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[2] ***li huma*** eliġibbli għal finanzjament ***taħt dawk l-atti leġislattivi ma għandhomx*** jiġu ffinanzjati taħt dan ir-Regolament.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

[2] Deċiżjoni (UE) Nru .... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L …).

6. Sabiex jissaħħu l-effikaċja u l-***komplementarjetà*** tal-miżuri ta' għajnuna tal-Unjoni u tal-miżuri ta' għajnuna nazzjonali u biex jiġi evitat li jkun hemm finanzjament ▌ doppju, il-Kummissjoni għandha tippromwovi koordinazzjoni mill-qrib ▌ ***fost*** l-attivitajiet tal-***Unjoni*** u ***ma'*** dawk tal-Istati Membri ▌ kemm fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll fuq livell operazzjonali. Għal dak l-għan, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iħaddmu sistema għall-***iskambju*** ta' informazzjoni**.** ▌ ***Il-Kummissjoni tista' tieħu inizzjattivi biex tiġi promossa tali koordinazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet multilaterali, reġjonali u sottoreġjonali u ma' donaturi oħrajn***.

TITOLU Ia

TIPI TA' GĦAJNUNA TAL-UNJONI

Artikolu 3

Għajnuna b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti biex tipprevjeni konflitti

1. ***L***-Unjoni ***għandha tipprovdi*** għajnuna teknika u finanzjarja sabiex jintlaħqu l-***objettivi*** speċifiċi stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 1(4) ▌ b'reazzjoni ***għas-sitwazzjonijiet eċċezzjonali u mhux previsti li ġejjin:***

(a) sitwazzjoni ta' urġenza, ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti,

(b) għal sitwazzjoni li tkun ta' theddida għad-demokrazija, għal-liġi u għall-ordni, għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali jew għas-sigurtà u s-sikurezza tal-individwi, ***b'mod partikolari dawk esposti għal vjolenza bbażata fuq is-sessi f'sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' stabbiltà***, jew

(c) għal sitwazzjoni li tista' teskala għal konflitt armat jew ***li*** ▌ tiddistabilizza serjament lill-pajjiż(i) terz(i) ikkonċernat(i).

Miżuri bħal dawn jistgħu wkoll jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn l-Unjoni tkun invokat klawżoli ta' elementi essenzjali ta' ***ftehimiet*** internazzjonali biex tissospendi, parzjalment jew totalment, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

2. L-għajnuna ***teknika*** u finanzjarja msemmija f'paragrafu 1 għandha tkopri l-***oqsma li ġejjin***:

▌

(a) l-appoġġ, permezz tal-għoti ta' għajnuna teknika u loġistika, għall-isforzi magħmula minn organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali ▌ u ***minn atturi Statali u tas-soċjetà ċivili*** fil-promozzjoni tat-tisħiħ tal-fiduċja, tal-medjazzjoni, tad-djalogu u tar-rikonċiljazzjoni;

(***b)*** ***appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà b'mod partikolari f'pajjiżi fraġli li qegħdin f'konflitt jew għadhom kif għaddew minn konflitt;***

(c) appoġġ għall-istabbiliment u ▌ l-funzjonament ta' amministrazzjonijiet interim awtorizzati f'konformità mad-dritt internazzjonali;

(d) appoġġ għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet ***Statali*** pluralistiċi u demokratiċi, inklużi miżuri biex jissaħħaħ ir-rwol tan-nisa f'tali istituzzjonijiet, amministrazzjoni ċivili effettiva u sorveljanza ***ċivili*** tas-sistema tas-sigurtà***, kif ukoll*** miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-forom kollha ta' traffikar illegali;

(e) appoġġ għall-qrati kriminali internazzjonali u għat-tribunali nazzjonali ad hoc, għall-kummissjonijiet għall-verità u r-rikonċiljazzjoni, u għall-mekkaniżmi li legalment isolvu allegazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u jaffermaw u jaġġudikaw id-drittijiet ta' proprjetà, stabbiliti skont ***standards internazzjonali fl-oqsma tad***-drittijiet tal-bniedem u ***tal***-istat tad-dritt ▌;

(f) appoġġ għall-miżuri meħtieġa sabiex tinbeda r-rijabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni tal-infrastruttura ewlenija, tad-djar, tal-bini pubbliku u tal-assi ekonomiċi, ***u*** l-kapaċità produttiva essenzjali, u miżuri oħra biex tinbeda mill-ġdid attività ekonomika, biex jinħolqu impjiegi u biex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet minimi meħtieġa għal żvilupp soċjali sostenibbli;

(g) l-appoġġ għall-miżuri ċivili relatati mad-demobilizzazzjoni u mal-integrazzjoni mill-ġdid tal-ex-kombattenti ***u l-familji tagħhom*** fis-soċjetà ċivili, u fejn hu xieraq, mar-ripatrijazzjoni tagħhom, kif ukoll għall-miżuri li jindirizzaw il-problema tas-suldati tfal u tal-kombattenti nisa;

(h) appoġġ għall-miżuri biex itaffu l-effetti soċjali tar-ristrutturazzjoni ▌ tal-forzi armati;

(i) appoġġ għall-miżuri biex, fil-qafas tal-politiki tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni u tal-objettivi tagħhom, jindirizzaw l-impatt soċjoekonomiku tal-mini tal-art kontra l-bniedem, ta' splussivi attivi jew ta' fdal splussiv ieħor tal-gwerra fuq il-popolazzjoni ċivili***. L-attivitajiet*** iffinanzjati taħt dan ir-Regolament ▌ ***jistgħu*** jkopru***, fost l-oħrajn***, edukazzjoni dwar riskji ▌, il-kxif u t-tneħħija ta' mini u, flimkien ma' dan, il-qerda ta' ħażniet;

(j) appoġġ għall-miżuri biex, fil-qafas tal-politiki tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni u tal-objettivi tagħhom, jiġi miġġieled l-użu illegali tal-armi tan-nar, tal-armi ħfief u tal-armi ta' kalibru żgħir u l-aċċess għalihom ▌;

(k) appoġġ għall-miżuri biex jiżguraw li l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' konflitt, inkluż l-esponiment tagħhom għal vjolenza bbażata fuq is-sess, jiġu milħuqa adegwatament;

(l) appoġġ għar-rijabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-vittmi ta' konflitt armat, inklużi l-miżuri li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tat-tfal;

(m) appoġġ għall-miżuri li jippromwovu u jiddefendu r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, u l-istrumenti internazzjonali relatati;

(n) appoġġ għall-miżuri soċjoekonomiċi li jippromwovu l-aċċess ekwu għar-riżorsi naturali f'sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti***, inkluż il-bini tal-paċi,*** u l-ġestjoni trasparenti tagħhom;

(o) appoġġ għal miżuri ▌ biex jiġi indirizzat l-impatt ***potenzjali*** ta' ċaqliq għall-għarrieda ta' popolazzjonijiet ***b'rilevanza għall-qagħda politika u tas-sigurtà***, inklużi miżuri li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-komunitajiet li jilqgħuhom f'sitwazzjoni ta' kriżi jew kriżi emerġenti, ***inkluż il-bini tal-paċi***;

(p) appoġġ għall-miżuri li jappoġġaw l-iżvilupp u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-parteċipazzjoni tagħha fil-proċess politiku, inklużi l-miżuri li jsaħħu r-rwol tan-nisa fi proċessi u miżuri bħal dawn li jippromwovu mezzi tal-informazzjoni indipendenti, pluralista u professjonali;

(q) appoġġ għall-miżuri ta' reazzjoni għal diżastri naturali jew dawk ikkaġunati mill-bniedem ***li jheddu l-istabbiltà,*** u ***għal*** theddid għas-saħħa pubblika ***marbut mal-pandemiċi***, meta ma jkunx hemm għajnuna umanitarja u ta' protezzjoni ċivili mill-Unjoni jew ***billi*** jikkomplementawha**.**

3. ***Fis-sitwazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1,*** l-Unjoni tista' tipprovdi wkoll għajnuna teknika u finanzjarja li ma tkunx espressament koperta mill-oqsma speċifiċi ta' għajnuna stabbiliti fil-paragrafu 2. Għajnuna bħal din għandha tkun limitata għal Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 7(2), li ***jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:***

(a) ***huma*** jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ġenerali ***ta' dan ir-Regolament*** u fl-***objettivi*** speċifiċi stabbiliti ***fil-punt (a)***tal-Artikolu 1(4)***,***

(b) ***huma*** limitati fit-tul ta' żmien għall-perijodu stabbilit fl-Artikolu 7(2), ▌

(c) ***huma*** normalment ikunu eliġibbli taħt ta' strumenti oħra tal-***Unjoni*** għall-għajnuna esterna jew tal-komponenti l-oħra ta' dan ***ir-Regolament, iżda, minħabba li jkun meħtieġ reazzjoni rapida għas-sitwazzjoni, dawn*** għandhom jiġu indirizzati permezz ta' miżuri ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti.

Artikolu 4

Għajnuna għall-prevenzjoni ta' konflitti, it-tħejjija għal kriżijiet u l-bini tal-paċi

1. L-Unjoni għandha tipprovdi għajnuna teknika u finanzjarja sabiex jintlaħqu l-***objettivi*** speċifiċi stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 1(4). ***Tali*** għajnuna teknika u finanzjarja ***għandha*** tkopri l-appoġġ għall-miżuri li għandhom l-għan li jibnu u li jsaħħu l-kapaċità tal-***Unjoni*** u tas-sħab tagħha sabiex jiġu evitati l-konflitti, biex tinbena l-paċi u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' qabel u ta' wara kriżi f'koordinazzjoni mill-qrib ma***n-Nazzjonijiet Uniti u*** organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sottoreġjonali ***oħrajn***, ▌ u ma' atturi ***Statali u tas-soċjetà ċivili***, b'rabta mal-isforzi tagħhom biex:

   (a) jippromwovu twissija bikrija ▌ u analiżi tar-riskju li tkun sensittiva għal ***konflitti*** fit-tfassil ***u l-implimentazzjoni*** tal-politika;

   (b) jiffaċilitaw ***u jibnu l-kapaċità fil***-bini ta' fiduċja, medjazzjoni***, djalogu*** u rikonċiljazzjoni***,*** b'mod partikolari fir-rigward ta' tensjonijiet interkomunitarji emerġenti;

   (c) isaħħu l-kapaċitajiet ***għall-parteċipazzjoni u l-iskjerament*** f'missjonijiet ta' ***stabbilizzazzjoni*** ċivili;

   (d) itejbu ***l-irkupru*** ta' wara l-konflitti ***kif ukoll*** ta' wara d-diżastri ***b'rilevanza għall-qagħda politika u ta' sigurtà;***

   (e) irażżnu l-użu tar-riżorsi naturali għall-finanzjament ta' konflitti, u jappoġġaw il-konformità mill-partijiet interessati b'inizjattivi bħall-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tal-Proċessi Kimberley, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni ta' kontrolli domestiċi effiċjenti fuq il-produzzjoni tar-riżorsi naturali, u l-kummerċ bihom.

2. Il-miżuri msemmija taħt dan l-***Artikolu*** għandhom jinkludu t-trasferiment ta' kompetenzi, l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prassi, il-valutazzjoni tar-riskju u tat-theddid, ir-riċerka u l-analiżi, is-sistemi ta' twissija bikrija, it-taħriġ***,*** u t-twettiq ta' servizz. ***Huma għandhom jagħtu kontribut għall-iżvilupp ulterjuri ta' djalogu***

strutturat dwar kwistjonijiet għall-bini tal-paċi. Il-miżuri jistgħu jinkludu wkoll għajnuna finanzjarja u teknika għall-implimentazzjoni tal-bini tal-paċi u tal-azzjonijiet li jappoġġjaw il-bini tal-***Istat***.

Artikolu 5

Għajnuna biex jiġi indirizzat theddid globali u transreġjonali ***u theddid emerġenti***

L-Unjoni għandha tipprovdi għajnuna teknika u finanzjarja sabiex jintlaħqu l-***objettivi*** speċifiċi stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 1(4) fl-oqsma ***li ġejjin:***

(a) it-theddid għal-liġi u l-ordni, għas-sigurtà u s-sikurezza tal-individwi, għall-infrastruttura kritika u għas-saħħa pubblika;

L-għajnuna għandha tkopri l-appoġġ għall-miżuri li għandhom l-għan li:

(i) isaħħu l-kapaċità tal-infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji u ċivili involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, ***inkluża l-kriminalità tal-informatika,*** u l-forom kollha ta' traffikar illegali u fil-kontroll effettiv ta' kummerċ u transitu illegali.

Għandha tingħata prijorità lill-kooperazzjoni transreġjonali li tinvolvi żewġ pajjiżi terzi jew aktar li urew li għandhom rieda politika ċara biex jindirizzaw ▌ il-problemi ***li jirriżultaw.*** Il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu tista' ssir ukoll ma' pajjiżi, reġjuni jew organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sub-reġjonali individwali***;***

Il-miżuri f'dan il-qasam għandhom jenfasizzaw b'mod partikolari l-governanza tajba u għandhom ikunu konformi mad-dritt internazzjonali***;***

Fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lil awtoritajiet involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, għandha tingħata prijorità lill-miżuri ta' appoġġ li jikkonċernaw l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-leġislazzjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi finanzjarja, il-liġi doganali u l-liġi dwar l-immigrazzjoni, l-iżvilupp tal-proċeduri ta' infurzar tal-liġi allinjati mal-ogħla standards internazzjonali ***u f'konformità mad-dritt internazzjonali***, it-tisħiħ tal-kontroll demokratiku u tal-mekkaniżmi ta' superviżjoni istituzzjonali, u l-prevenzjoni ta' radikaliżmu ***vjolenti;***

Fir-rigward ta' għajnuna relatata mal-problema tad-drogi, għandha tingħata attenzjoni xierqa lill-kooperazzjoni internazzjonali li għandha l-għan li tippromwovi l-aħjar prassi marbuta mat-tnaqqis fit-talba, fil-produzzjoni u fil-ħsara tagħhom**.**

(ii) jindirizzaw theddid għall-infrastruttura kritika, li jistgħu jinkludu trasport internazzjonali, inklużi t-traffiku ta' passiġġieri u ta' merkanzija, l-operazzjonijiet ta' enerġija u d-distribuzzjoni tal-enerġija, u l-informazzjoni elettronika u n-netwerks ta' komunikazzjoni.

Il-miżuri adottati f'dan il-qasam għandhom jenfasizzaw b'mod partikolari l-kooperazzjoni transreġjonali u l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali fl-oqsma tas-sensibilizzazzjoni tar-riskji, l-analiżi tal-vulnerabilità, it-tħejjija għal emerġenzi, il-ġestjoni tal-allerti u tal-konsegwenzi tagħhom;

(iii) jiżguraw reazzjoni adegwata għal theddid kbir għas-saħħa pubblika, inklużi l-epidemiji mhux mistennija b'impatt potenzjalment transnazzjonali;

▌

(iv) jindirizzaw l-effetti globali u transreġjonali tal-bidla fil-klima li jkollhom impatt potenzjalment destabbilizzanti fuq il-paċi u s-sigurtà.

(b) il-mitigazzjoni tar-riskji, kemm jekk ikunu ta' oriġini intenzjonali, ▌ ***kemm jekk*** aċċidentali jew naturali u r-riskji relatati ma' materjali jew aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, u t-tħejjija għal kontrihom;

l-għajnuna għandha tkopri l-appoġġ għall-miżuri li għandhom l-għan li:

(***i***) ***jippromwovu*** attivitajiet ċivili ta' riċerka bħala alternattiva għar-riċerka relatata mad-difiża; ▌

(***ii***) isaħħu l-prassi tas-sikurezza marbutin ma' faċilitajiet ċivili fejn jinħażnu jew jiġu ġestiti materjali jew aġenti sensittivi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari fil-kuntest ta' programmi ċivili ta' riċerka;

(*iii*) ***jappoġġaw,*** fil-qafas tal-politiki ta' kooperazzjoni tal-Unjoni u tal-objettivi tagħhom, l-istabbiliment ta' infrastruttura ċivili u studji ċivili rilevanti, neċessarji għaż-żarmar, għar-rimedju jew għall-konverżjoni ta' faċilitajiet u siti marbutin mal-armi meta dawn jiġu ddikjarati ▌ ***bħala li*** m'għadhomx ▌ **parti minn** programm ta' difiża;

(*iv*) isaħħu l-kapaċità tal-awtoritajiet ċivili kompetenti involuti fl-iżvilupp u l-infurzar tal-kontroll effettiv tat-traffikar illegali ta' materjali jew aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari(inkluż it-tagħmir għall-produzzjoni jew it-twassil tagħhom) ▌ ;

(*v*) ***jiżviluppaw*** il-qafas legali u l-kapaċitajiet istituzzjonali għall-istabbiliment u l-infurzar ta' kontrolli effettivi fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, inklużi miżuri ta' kooperazzjoni reġjonali ▌ **.**

(*vi*) jiżviluppaw it-tħejjija effettiva taċ-ċivil għad-diżastri, l-ippjanar għal emerġenzi ▌ , ir-reazzjoni għal kriżijiet, u l-kapaċitajiet għal miżuri ta' tindif ▌ **.**

▌

TITOLU II

PROGRAMMAZZJONI U IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 6

Qafas Ġenerali ▌

▌ L-għajnuna tal-Unjoni għandha tiġi implimentata skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni u permezz tad-dokumenti ta' programmazzjoni u l-miżuri ta' implimentazzjoni finanzjarja li ġejjin:

▌

(a) Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali u Programmi Interim ta' Reazzjoni;

(b) Dokumenti ta' Strateġija Tematika u Programmi Indikattivi Pluriennali;

(c) Programmi ta' Azzjoni Annwali**,** Miżuri Individwali ***u Miżuri Speċjali;***

(d) Miżuri ta' Appoġġ.

Artikolu 7

Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali u Programmi Interim ta' Reazzjoni

1. L-għajnuna tal-Unjoni taħt l-Artikolu 3 għandha tingħata permezz ta' Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali u ▌ Programmi Interim ta' Reazzjoni.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta Miżura ta' Għajnuna Eċċezzjonali f'***sitwazzjonijiet*** kif imsemmija fl-Artikolu 3(1) ***u*** (3)**.** Miżura ▌ bħal din jista' jkollha tul sa 18-il xahar***, li*** jista' jiġi estiż darbtejn ▌ b'***perijodu*** ieħor ***li ma jaqbiżx*** is-sitt xhur**,** sa massimu ta' 30 xahar, fil-***każ*** ta' ostakoli oġġettivi u mhux mistennija għall-implimentazzjoni ***tagħha***, dment li ***ma jkun hemm l-ebda żieda f***l-ammont finanzjarju tal-miżura.

F'każijiet ta' kriżijiet u konflitti mtawla, il-Kummissjoni tista' tadotta Miżura ta' Għajnuna Eċċezzjonali oħra ***li t-tul tagħha jista' jkun sa 18-il xahar.***

It-tul tal-Miżura ta' Għajnuna Eċċezzjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu kkumbinat ma' dak imsemmi fit-tieni subparagrafu ma għandux jeċċedi s-36 xahar.

3. Meta Miżura ta' Għajnuna Eċċezzjonali tkun tiswa aktar minn EUR ***20 000 000, din*** għandha tiġi adottata skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta Programmi Interim ta' Reazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' ***eżami msemmija fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni*** bil-ħsieb li jiġu stabbiliti jew jiġu stabbiliti mill-ġdid il-kondizzjonijiet essenzjali meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni esterna. Il-Programmi Interim ta' Reazzjoni għandhom jibnu fuq il-Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali.

5. Qabel ma tadotta jew ***iġġedded*** il-Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali li jkunu jiswew sa EUR ***20 000 000***, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar in-natura ***u*** l-objettivi tagħhom u ***tal***-ammonti finanzjarji previsti. Bl-istess mod, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill qabel ma tagħmel bidliet sostanzjali għall-Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali li jkunu diġà adottati. Hija għandha tqis l-approċċ ta' politika rilevanti tal-Kunsill kemm fl-ippjanar kif ukoll ***f***l-implimentazzjoni sussegwenti ***tagħha*** ta' dawn il-miżuri, fl-interessi tal-***konsistenza*** tal-azzjoni esterna ***tal-Unjoni***.

6. Kemm jista' jkun ***malajr*** wara l-adozzjoni ta' ***Miżura ta' Għajnuna Eċċezzjonali***, u fi kwalunkwe każ fi żmien ***tliet*** xhur ***wara dan,*** il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-***Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** billi tagħti ħarsa ġenerali lejn in-natura, ***il-kuntest u r-raġunament tal-miżuri adottati, inkluż il-komplementarjetà ta' dawn il-miżuri mar-reazzjoni li tkun għaddejja u dik ippjanata tal-Unjoni.***

7. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew ***kif dovut*** u ***fil-ħin*** dwar l-ippjanar ***u l-implimentazzjoni*** tal-għajnuna tal-Unjoni ***skont*** l-Artikolu 3***, inklużi l-ammonti finanzjarji previsti, u għandha wkoll tinforma lill-Parlament Ewropew meta tagħmel bidliet jew estensjonijiet sostanzjali.***

Artikolu 8

Dokumenti ta' Strateġija Tematika u Programmi Indikattivi Pluriennali

1. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom jikkostitwixxu l-bażi ġenerali għall-implimentazzjoni tal-għajnuna taħt l-***Artikoli*** 4 u 5. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom jipprovdu qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-***pajjiżi*** sħab jew ir-reġjuni kkonċernati ***u għandhom ikunu*** konsistenti mal-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni ġenerali, l-objettivi, il-prinċipji u l-politika tal-Unjoni.

2. It-tħejjija u l-implimentazzjoni tad-***Dokumenti*** ta' Strateġija Tematika għandhom jimplimentaw il-prinċipji tal-effettività tal-għajnuna***, bħalma hija*** s-sħubija, il-koordinazzjoni***, u fejn applikabbli,*** l-armonizzazzjoni. Għal dak il-għan, id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom ikunu konsistenti mad-dokumenti ta' programmazzjoni li jkunu ġew approvati jew adottati skont strumenti oħra tal-Unjoni għall-għajnuna esterna***,*** u jevitaw id-duplikazzjoni ta' dawn id-dokumenti. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom, fil-prinċipju, ikunu bbażati fuq djalogu tal-***Unjoni jew***, fejn adatt, tal-Istati Membri rilevanti, mal-***pajjiżi*** sħab jew mar-reġjuni kkonċernati inklużi s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, sabiex jiġi żgurat li l-***pajjiżi*** jew ir-reġjuni kkonċernati ***jakkwistaw*** b'mod suffiċjenti s-sjieda tagħhom tal-proċess ***tal-programmazzjoni***. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkonsultaw lil xulxin fl-istadju bikri tal-proċess tal-programmazzjoni sabiex jippromwovu l-konsistenza u l-kumplimentarjetà fost l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom.

3. Kull Dokument ta' Strateġija Tematika għandu jkun akkumpanjat minn Programm Indikattiv Pluriennali li jiġbor fil-qosor l-oqsma ta' prijorità magħżula għall-finanzjament tal-Unjoni, l-objettivi speċifiċi, ir-riżultati mistennija***, l-indikaturi tal-prestazzjoni*** u ***l***-iskeda ta' żmien tal-appoġġ mill-Unjoni. Il-***Programm*** Indikattiv Pluriennali għandu jiddetermina l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għal kull programm***,*** b'kont meħud tal-ħtiġijiet u d-diffikultajiet partikolari tal-pajjiżi sħab jew tar-reġjuni kkonċernati. L-allokazzjonijiet finanzjarji jistgħu jingħataw f'forma ta' firxa fejn ikun meħtieġ.

4. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom jiġu approvati u l-Programmi Indikattivi Pluriennali għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni. ▌***Dik*** il-proċedura għandha tapplika wkoll għal reviżjonijiet sostanzjali li jkollhom l-effett li jimmodifikaw b'mod ***sinifikanti*** l-istrateġija jew l-ipprogrammar tagħha.

5. Il-proċedura ta' eżami msemmija fil-paragrafu 4 ma għandhiex tapplika għal modifiki mhux sostanzjali ***jew aġġustamenti tekniċi*** għad-Dokumenti ta' Strateġija Tematika u l-Programmi Indikattivi Pluriennali ***li permezz tagħhom*** ▌, il-fondi jiġu ***assenjati mill-ġdid*** fi ħdan l-allokazzjonijiet indikattivi għal kull qasam prijoritarju, jew ▌ id-daqs tal-allokazzjoni indikattiva inizjali ***jiżdied jew jonqos b'mhux aktar*** minn 20% ***iżda ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun***, dment li ▌ ***t-tali*** modifiki ma jaffettwawx l-oqsma u l-objettivi prijoritarji stabbiliti ▌ f'***dawk*** id-dokumenti. F'każ bħal dan, l-aġġustamenti għandhom jiġu kkomunikati ***mingħajr dewmien*** lill-Parlament Ewropew ***u lir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 11.***

6. Il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni tista' tiġi applikata għal***l-fini ta'*** modifikazzjoni tad-Dokumenti ta' Strateġija Tematika u tal-Programmi Indikattivi Pluriennali fejn, għal raġunijiet imperattivi ta' emerġenza debitament iġġustifikati, tkun teħtieġ reazzjoni rapida mill-Unjoni.

7. Kwalunkwe programmar jew rieżami ta' programmi li jsir wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport ta' nofs it-terminu msemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni (UE Nru ../..) għandu jieħu kont tar-riżultati, is-sejbiet u l-konklużjonijiet tiegħu.

Artikolu 9

Is-Soċjetà Ċivili

It-tħejjija, l-programmazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' miżuri taħt dan ir-Regolament għandhom isiru, fejn ikun possibbli u xieraq, f'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili.

Artikolu 10

Id-Drittijiet tal-Bniedem

1. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miżuri adottati taħt dan ir-Regolament f'rabta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata jiġu implimentati f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-liġi umanitarja internazzjonali.***

2. ***F'konformità mal-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, għandha tiġi żviluppata gwida operazzjonali biex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-bniedem jitqiesu fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' għajnuna kontra t-terroriżmu adottati skont dan ir-Regolament, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni tat-tortura jew trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor u mar-rispett għal proċess dovut, inkluż li wieħed jiġi preżunt innoċenti, li jkun hemm proċess ġust, u drittijiet għal difiża. Għandha tkun preżenti wkoll perspettiva ċara rigward id-drittijiet tal-bniedem fil-miżuri li jindirizzaw iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità.***

3. ***Il-Kummissjoni għandha tissorvelja bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-miżuri msemmijin f'dan l-Artikolu sabiex tiġi żgurata konformità mal-obbligi ta' drittijiet tal-bniedem u għandha tinkludi informazzjoni f'dan ir-rigward fir-rapportar regolari tagħha.***

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

▌

Artikolu 11

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn ***kumitat (i***l-Kumitat tal-***Istrument*** għall-Istabbiltà u l-***Paċi***'). Dak il-***kumitat*** għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. ***Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

Artikolu 12

Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

L-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament għandha tkun f'konformità mad-Deċiżjoni 2010/427***/UE, b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha***.

Artikolu 13

Pakkett finanzjarju

1. Il-pakkett finanzjarju għal***l***-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perijodu mill-2014 sal-2020 ***huwa stabbilit għal*** ▌ EUR 2 338 719 000.

2. L-approprjazzjonijiet ***annwali*** għandhom jiġu awtorizzati ▌ mill-***Parlament Ewropew u mill-Kunsill*** fil-limiti tal-qafas finanzjarju ***pluriennali***.

3. Fil-perijodu bejn l-2014 u l-2020, mill-inqas ***70*** punt perċentwali tal-pakkett finanzjarju għandhom jiġu allokati għall-miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu ***3, u 9 punti perċentwali għandhom jiġu allokati għall-miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu 4.***

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ▌ fil-jum ▌ tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar ***2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi **…**,

Għall-Parlament	*Ewropew*	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*	

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

STATEMENT BY THE COMISSION ON THE STRATEGIC DIALOGUE WITH THE EUROPEAN PARLIAMENT[1]

On the basis of Article 14 TEU, the Commission will conduct a strategic dialogue with the European Parliament prior to the programming of [add the name of the corresponding ENI, DCI, IPA II, EIDHR, ISP, PI Regulation] and after initial consultation of its relevant beneficiaries, where appropriate. The Commission will present to the Parliament the relevant available documents on programming with indicative allocations foreseen per country/region, and, within a country/region, priorities, possible results and indicative allocations foreseen per priority for geographic programmes, as well as the choice of assistance modalities*. The Commission will present to the Parliament the relevant available documents on programming with thematic priorities, possible results, choice of assistance modalities*, and financial allocations for such priorities foreseen in thematic programmes. The Commission will take into account the position expressed by the European Parliament on the matter.

The Commission will conduct a strategic dialogue with the European Parliament in preparing the Mid Term Review and before any substantial revision of the programming documents during the period of validity of this Regulation.

The Commission, if invited by the European Parliament, will explain where Parliament's observations have been taken into consideration in the programming documents and any other follow-up given to the strategic dialogue.

[1] The Commission will be represented at the responsible Commissioner level
* Where applicable

20.6.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwaqqaf Strument għall-Istabbiltà
(COM(2011)0845 – C7-0497/2011 – 2011/0413(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Cristian Dan Preda

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-ħolqien fl-2007 ta' Strument għall-Istabbiltà (IfS) ikkostitwixxa innovazzjoni importanti fit-titjib tal-kapaċità ta' rispons tal-UE għall-kriżi u minn dak iż-żmien s'issa dan indirizza b'mod effikaċi r-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp, irriżulta fi strument strateġiku u żied il-kapaċità tal-UE għal azzjoni f'sitwazzjoni ta' kriżi.

Iż-żmien ta' reazzjoni meħud mill-UE sabiex tirreaġixxi għal sitwazzjonijiet ta' kriżi huwa issa madwar tmien ġimgħat u jista' jingħata finanzjament għal miżuri b'terminu ta' madwar 18-il-xhar. L-element dewwiemi tal-IfS jippermetti wkoll lill-UE tirreaġixxi għal theddid speċifiku, globali u transreġjonali, potenzjalment destabilizzanti u jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u oħrajn li jirreaġixxu għal sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżi.

Madankollu, għad hemm lok għal titjib. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha tintlaqa', sa fejn din hija intiża sabiex iżżomm il-karatteristiċi prinċipali tal-IfS, filwaqt li tissemplifika d-dispożizzjonijiet tiegħu sabiex titjieb il-flessibbiltà distintiva ta' dan l-istrument

Huwa wkoll pożittiv il-fatt li ,fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss, ġie propost baġit ta' EUR 2 828 900 000 allokat għall-IfS, li jikkostitwixxi żieda ta' 42 %, għalkemm wieħed għad irid jara jekk din iż-żieda hijiex suffiċjenti. L-avveniment reċenti konnessi mar-Rebbiegħa Għarbija wrew li l-UE għadha nieqsa minn strumenti effikaċi ta' terminu qasir jew medju sabiex jitwaqqfu l-kunflitti u titnaqqas il-vjolenza matul il-fażijiet ta' tranżizzjoni immedjata. Jekk verament hemm rieda politika sabiex l-IfS isir strument effikaċi, il-finanzjament tiegħu għandu jiżdied b'mod sostanzjali.

Il-proposta tal-Kummissjoni tirriserva minimu ta' 65 % għal assistenza bħala rispons għal sitwazzjonijiet ta' kriżi jew kriżi emerġenti sabiex jiġi evitat il-kunflitt. Peress li l-allokazzjoni

attwali għal azzjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 3 hija madwar 73 %, dan jista' jfisser bidla tal-approċċ fejn l-element dewwiemi jsir relattivament aktar importanti. Madankollu għandu jkun ċar li l-azzjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 4 għandhom jiġu allokati tal-anqas 20 % mill-finanzjament disponibbli għall-IfS.

Huwa importanti wkoll li jissaħħu l-aspetti relatati mal-kollegament tal-għajnuna ta' emerġenza, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp (LRRD) f'ċerti dispożizzjonijiet u li tiżdied il-koerenza ġenerali tat-test ġuridiku l-ġdid billi jiġu inklużi dispożizzjonijiet speċjali dwar il-programmi ta' azzjoni annwali kif ukoll miżuri speċjali. Ir-reviżjoni attwali għas-semplifikazzjoni tal-funzjonament ma għandhiex ssir askapitu taċ-ċarezza tat-tipi ta' miżuri ta' implimentazzjoni li jistgħu jiġu adottati. Huwa wkoll preferibbli li jkun hemm dispożizzjonijiet speċjali dwar l-evalwazzjoni tal-miżuri adottati fl-ambitu tal-IfS. Barra minn hekk, l-indikaturi tal-prestazzjoni għat-tipi varji ta' assistenza għandhom jiġu ċċarati. Fl-aħħar nett, għalkemm l-IfS sar strument matur, l-inklużjoni ta' klawżola ta' reviżjoni tidher iġġustifikata u tista' tintuża sabiex titjieb il-koerenza bejn l-interventi tal-Istati Membri u tal-UE.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-preservazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali ***u*** l-għajnuna lill-popolazzjonijiet, lill-pajjiżi u lir-reġjuni kkonfrontati minn diżastri naturali jew minn dawk ikkaġunati mill-bniedem huma fost l-objettivi ewlenija tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, hekk kif definit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-kriżijiet u l-kunflitti li jolqtu lill-pajjiżi madwar id-dinja kollha u fatturi oħrajn bħat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata,	(2) Il-preservazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, it-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali***,*** l-għajnuna lill-popolazzjonijiet, lill-pajjiżi u lir-reġjuni kkonfrontati minn diżastri naturali jew minn dawk ikkaġunati mill-bniedem ***u t-trawwim tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bl-eliminazzjoni tal-faqar bħala l-għan prinċipali*** huma fost ***il-prinċipji u*** l-objettivi ewlenija tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, hekk kif definit fl-

it-tibdil fil-klima, l-isfidi u t-theddid għaċ-ċibersigurtà u d-diżastri naturali joħolqu riskju għall-istabbiltà u s-sigurtà globali. Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv u bikri dawn il-kwistjonijiet, jenħtieġu riżorsi finanzjarji u strumenti ta' finanzjament speċifiċi li jistgħu jaħdmu b'mod kumplimentari ma' strumenti ta' għajnuna umanitarija u ta' kooperazzjoni fuq perjodu ta' żmien twil.

it-tibdil fil-klima, l-isfidi u t-theddid għaċ-ċibersigurtà u d-diżastri naturali joħolqu riskju għall-istabbiltà u s-sigurtà globali. Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv u bikri dawn il-kwistjonijiet, jenħtieġu riżorsi finanzjarji u strumenti ta' finanzjament speċifiċi li jistgħu jaħdmu b'mod kumplimentari ma' strumenti ta' għajnuna umanitarija u ta' kooperazzjoni fuq perjodu ta' żmien twil.	Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-kriżijiet u l-kunflitti li jolqtu lill-pajjiżi madwar id-dinja kollha u fatturi oħrajn bħat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, it-tibdil fil-klima, l-isfidi u t-theddid għaċ-ċibersigurtà u d-diżastri naturali joħolqu riskju għall-istabbiltà u s-sigurtà globali. Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv u bikri dawn il-kwistjonijiet, jenħtieġu riżorsi finanzjarji u strumenti ta' finanzjament speċifiċi li jistgħu jaħdmu b'mod kumplimentari ma' strumenti ta' għajnuna umanitarija u ta' kooperazzjoni fuq perjodu ta' żmien twil.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda orali*
(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 kien adottat bil-għan li jippermetti lill-Unjoni tipprovdi rispons konsistenti u integrat għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kriżi emerġenti, sabiex jiġi indirizzat it-theddid speċifiku għas-sigurtà transreġjonali u biex tissaħħaħ it-tħejjija għall-kriżijiet. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jintroduċi Strument rivedut, li jibni fuq l-esperjenza miġjuba permezz tal-Istrument preċedenti, sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-Unjoni fl-oqsma tal-prevenzjoni ta' kunflitti u tar-rispons għall-kriżijiet, tat-tħejjija għall-kriżijiet u tal-bini tal-paċi u fl-indirizzar tat-theddid għas-sigurtà, inkluż dak għas-sigurtà tal-klima.	(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 kien adottat bil-għan li jippermetti lill-Unjoni tipprovdi rispons konsistenti u integrat għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kriżi emerġenti, sabiex jiġi indirizzat it-theddid speċifiku għas-sigurtà transreġjonali u biex tissaħħaħ it-tħejjija għall-kriżijiet. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jintroduċi Strument rivedut, li jibni fuq l-esperjenza miġjuba permezz tal-Istrument preċedenti, sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-Unjoni fl-oqsma tal-prevenzjoni ta' kunflitti u tar-rispons għall-kriżijiet, tat-tħejjija għall-kriżijiet u tal-bini tal-paċi u fl-indirizzar tat-theddid għas-sigurtà, inkluż dak għas-sigurtà tal-klima***, permezz ta' azzjonijiet u miżuri li jippromwovu r-reżistenza tal-popolazzjoni għad-diżastri naturali***.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
(6) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u l-Iżvilupp (kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rispons tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità) jenfasizzaw li r-rabta bejn l-iżvilupp u s-sigurtà għandha tinforma lill-istrateġiji u lill-politiki tal-UE sabiex tikkontribwixxi għall-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE. Aktar speċifikament, il-Kunsill ikkonkluda li l-ħidma futura fir-rigward tas-sigurtà u tal-iżvilupp għandha tinkludi l-implikazzjonijiet ta' sigurtà u ta' żvilupp tal-bidla fil-klima, il-kwistjonijiet ambjentali u l-kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riżorsi naturali u l-migrazzjoni.	(6) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u l-Iżvilupp (kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rispons tal-UE għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità) jenfasizzaw li r-rabta bejn l-iżvilupp u s-sigurtà għandha tinforma lill-istrateġiji u lill-politiki tal-UE sabiex tikkontribwixxi għall-Koerenza ***tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) kif imniżżel fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*** u għall-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE ***b'mod ġenerali***. Aktar speċifikament, il-Kunsill ikkonkluda li l-ħidma futura fir-rigward tas-sigurtà u tal-iżvilupp għandha tinkludi l-implikazzjonijiet ta' sigurtà u ta' żvilupp tal-bidla fil-klima, il-kwistjonijiet ambjentali u l-kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riżorsi naturali u l-migrazzjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
	(6a) Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp[1], adottat mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni fit-22 ta' Novembru 2005 u milqugħ mill-Kunsill Ewropew fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005 jiddikjara li l-Komunità, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tal-istituzzjonijiet tagħha, se tiżviluppa metodu komprensiv ta' prevenzjoni għall-fraġilità tal-istat, il-kunflitt, id-diżastri naturali u tipi oħra ta' kriżi, li hu l-għan li dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għalih.

[1] *ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.*

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) li jipprevjeni l-kunflitti, li jiżgura t-tħejjija biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżijiet u li jibni l-paċi;	(b) li jipprevjeni l-kunflitti, li jiżgura ***l-kapaċità u*** t-tħejjija biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżijiet u li jibni l-paċi;

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jindirizza theddid speċifiku globali u transreġjonali li jkollu effett destabilizzanti, inkluż it-tibdil fil-klima.	(c) li jindirizza theddid speċifiku globali u transreġjonali li jkollu effett ***potenzjalment*** destabilizzanti, inkluż it-tibdil fil-klima***, inter alia billi jibni l-kapaċità tal-atturi lokali***.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miżuri adottati skont dan ir-Regolament huma konsistenti mal-qafas ta' politika strateġika ġenerali tal-Unjoni għall-pajjiż imsieħeb, u b'mod *parikolari* mal-objettivi tal-istrumenti msemmija fil-paragrafu 2, kif ukoll ma' miżuri oħra rilevanti tal-Unjoni.	1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miżuri adottati skont dan ir-Regolament huma konsistenti mal-qafas ta' politika strateġika ġenerali tal-Unjoni għall-pajjiż imsieħeb, u b'mod *partikolari* mal-objettivi tal-istrumenti msemmija fil-paragrafu 2, kif ukoll ma' miżuri ***u objettivi*** oħra rilevanti tal-Unjoni***, speċjalment PCD kif imniżżel fl-Artikolu 208 Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-għajnuna teknika u finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 ***tista'*** tkopri l-oqsma dettaljati speċifikati fl-Anness I. L-indikatur tal-prestazzjoni għall-għajnuna għandu jkun il-perċentwal ta' proġetti adottati fi żmien 3 xhur mill-kuntest ta' kriżi.	2. L-għajnuna teknika u finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 ***għandha*** tkopri l-oqsma dettaljati speċifikati fl-Anness I. L-indikatur tal-prestazzjoni għall-għajnuna għandu jkun il-perċentwal ta' proġetti adottati fi żmien 3 xhur mill-kuntest ta' kriżi.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-għajnuna teknika u finanzjarja li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 ***tista'*** tkopri l-oqsma ddettaljati speċifikati fl-Anness II. L-indikatur tal-prestazzjoni għall-għajnuna jiddependi fuq kemm ikunu ssaħħu l-kapaċitajiet tal-benefiċjarji biex jipprevjenu l-kunflitti, jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-kunflitti u biex jibnu l-paċi.	2. L-għajnuna teknika u finanzjarja li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 ***għandha*** tkopri l-oqsma ddettaljati speċifikati fl-Anness II. L-indikatur tal-prestazzjoni għall-għajnuna jiddependi fuq kemm ikunu ssaħħu l-kapaċitajiet tal-benefiċjarji biex jipprevjenu l-kunflitti, jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-kunflitti u biex jibnu l-paċi.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-għajnuna tal-Unjoni għandha tiġi implimentata skont ir-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni u permezz tad-dokumenti tal-ipprogrammar u l-miżuri ta' implimentazzjoni finanzjarja segwenti:	L-għajnuna tal-Unjoni għandha tiġi implimentata skont ir-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni u permezz tad-dokumenti tal-ipprogrammar u l-miżuri ta' implimentazzjoni finanzjarja segwenti:

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew, dwar l-ippjanar tagħha fil-qasam tal-għajnuna tal-Unjoni skont ***l-Artikolu 3***.	8. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew, dwar l-ippjanar tagħha fil-qasam tal-għajnuna tal-Unjoni skont ***l-Artikoli 3, 4 u 5***.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom jikkostitwixxu l-bażi ġenerali għall-implimentazzjoni tal-għajnuna skont l-Artikoli 4 u 5. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom jipprovdu qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiż imsieħeb jew ir-reġjuni kkonċernati, li jkun konsistenti mal-iskop globali u l-kamp ta' applikazzjoni, mal-objettivi, mal-prinċipji u l-politika tal-Unjoni.	1. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom jikkostitwixxu l-bażi ġenerali għall-implimentazzjoni tal-għajnuna skont l-Artikoli 4 u 5. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom jipprovdu qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiż imsieħeb jew ir-reġjuni kkonċernati, li jkun konsistenti mal-iskop globali u l-kamp ta' applikazzjoni, mal-objettivi, mal-prinċipji u l-politika tal-Unjoni ***u f'konformità mal-bżonnijiet tal-pajjiż imsieħeb jew ir-reġjuni kkonċernati***.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom japplikaw il-prinċipji tal-effikaċja tal-għajnuna: is-sħubija, il-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni. Għal dak il-għan, id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom ikunu konsistenti	2. It-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom japplikaw il-prinċipji tal-effikaċja tal-għajnuna: is-sħubija, il-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni. Għal dak il-għan, id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom ikunu konsistenti

mad-dokumenti tal-ipprogrammar li jkunu ġew approvati jew adottati skont strumenti oħra tal-Unjoni għall-għajnuna esterna, u jevitaw id-duplikazzjoni ta' dawn id-dokumenti. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom, fil-prinċipju, ikunu bbażati fuq djalogu tal-UE u, fejn xieraq, tal-Istati Membri rilevanti, *mal-pajjiżi msieħba* jew mar-reġjuni kkonċernati inklużi s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, sabiex jiġi żgurat li l-pajjiż jew ir-reġjuni kkonċernati *jgħarfu* biżżejjed is-sjieda tagħhom fil-proċess. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkonsultaw lil xulxin fl-istadju bikri tal-proċess tal-ipprogrammar sabiex jippromwovu l-konsistenza u l-kumplimentarjetà fost l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom.	mad-dokumenti tal-ipprogrammar li jkunu ġew approvati jew adottati skont strumenti oħra tal-Unjoni għall-għajnuna esterna, u jevitaw id-duplikazzjoni ta' dawn id-dokumenti. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom, fil-prinċipju, ikunu bbażati fuq djalogu tal-UE u, fejn xieraq, tal-Istati Membri rilevanti ***u donaturi oħra****, mal-pajjiż imsieħeb* jew mar-reġjuni kkonċernati inklużi s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, sabiex jiġi żgurat li l-pajjiż jew ir-reġjuni kkonċernati *jgħarrfu* biżżejjed is-sjieda tagħhom fil-proċess. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkonsultaw lil xulxin fl-istadju bikri tal-proċess tal-ipprogrammar sabiex jippromwovu l-konsistenza u l-kumplimentarjetà fost l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom jiġu approvati u l-Programmi Indikattivi Multiannwali għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 15 (3) tar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni. Din il-proċedura għandha tapplika wkoll għal reviżjonijiet sostanzjali li jkollhom l-effett ta' modifika sinifikanti tal-istrateġija jew tal-ipprogrammar tagħha.	4. Id-Dokumenti ta' Strateġija Tematika għandhom jiġu approvati u l-Programmi Indikattivi Multiannwali għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 15 (3) tar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni***, u f'konsulenza, fejn xieraq, mal-pajjiż msieħeb jew ir-reġjuni kkonċernati***. Din il-proċedura għandha tapplika wkoll għal reviżjonijiet sostanzjali li jkollhom l-effett ta' modifika sinifikanti tal-istrateġija jew tal-ipprogrammar tagħha.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Programmi Annwali ta’ Azzjoni
	1. Il-Programmi Annwali ta' Azzjoni għandhom jistabbilixxu l-miżuri li għandhom jiġu adottati fuq il-bażi tad-Dokumenti ta' Strateġija Tematika u l-Programmi Indikattivi Multiannwali msemmija fl-Artikolu 8.
	2. Il-Programmi Annwali ta’ Azzjoni għandhom jispeċifikaw l-għanijiet segwiti, l-oqsma ta’ intervent, ir-riżultati mistennija, il-proċeduri ta’ ġestjoni u l-ammont totali tal-allokazzjoni finanzjarja. Huma għandhom jinkludu deskrizzjoni fil-qosor tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammonti allokati għal kull operazzjoni u kalendarju indikattiv tal-implimentazzjoni. Fejn rilevanti, huma għandhom jinkludu r-riżultati ta' kwalunkwe tagħlim li nkiseb mill-assistenza ta' qabel. L-għanijiet ikunu jistgħu jitkejlu.
	3. Il-Programmi Annwali ta’ Azzjoni u kull reviżjoni jew estensjoni tagħhom għandhom jiġu adottati skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b

	Miżuri speċjali
	1. Minkejja l-Artikoli 7, 8 u 8a, fil-każ ta' bżonnijiet, ċirkostanzi u impenji debitament ġustifikati u mhux prevedibbli, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri speċjali mhux previsti fil-Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali u l-Programmi Interim ta' Rispons imsemmija fl-Artikolu 7, fid-Dokumenti ta' Strateġija Tematika u l-Programmi Indikattivi Multiannwali msemmija fl-Artikolu 8 jew fil-Programmi Annwali ta' Azzjoni msemmija fl-Artikolu 8a.
	2. Il-miżuri speċjali għandhom jispeċifikaw l-objettivi, l-oqsma ta' intervent, ir-riżultati mistennija,, il-proċeduri ta' ġestjoni użati u l-ammont globali ta' allokazzjoni finanzjarja. Huma għandhom jinkludu deskrizzjoni fil-qosor tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammonti allokati għal kull operazzjoni u kalendarju indikattiv tal-implimentazzjoni.
	3. Il-miżuri speċjali għandhom jiġu adottati skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8c
	Evalwazzjoni
	1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod regolari r-riżultati u l-effiċjenza tal-politiki u tal-programmi u l-effikaċja tal-ipprogrammar, fejn xieraq permezz ta' evalwazzjonijiet esterni indipendenti, sabiex tiddetermina jekk l-għanijiet intlaħqux u ħalli tkun tista' tifformula

rakkomandazzjonijiet bil-għan li jittejbu l-operazzjonijiet fututri hekk kif previst fl-Artikolu 12 tar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni.

2. Fil-kuntest ta' dawn l-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tiffoka dwar it-tħaddim u l-irfinar ulterjuri tal-indikaturi ta' prestazzjoni msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-perjodu bejn l-2014 u l-2020, mill-inqas 65 punt perċentwali tal-pakkett finanzjarju għandhom jiġu allokati għall-miżuri li huma koperti mill-Artikolu 3.	Fil-perjodu bejn l-2014 u l-2020, mill-inqas 65 punt perċentwali tal-pakkett finanzjarju għandhom jiġu allokati għall-miżuri li huma koperti mill-Artikolu 3***, u tal-anqas 20 punt perċentwali għall-miżuri li jaqgħu taħt fl-Artikolu 4***.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Rapport
	Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2017, rapport ta' evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tul l-ewwel erba' snin, flimkien ma' proposta li tintroduċi modifiki għar-Regolament fejn ikun xieraq.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.	Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014 ***sal-31 ta' Diċembru 2020***.

Emenda 21
Proposta għal regolament
Annex I – point e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-appoġġ għall-miżuri meħtieġa sabiex ***tinbeda r-rijabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni*** tal-infrastruttura ewlenija, tad-djar, tal-bini pubbliku u tal-assi ekonomiċi, kif ukoll ***il-kapaċità*** produttiva essenzjali, u ***miżuri oħra*** biex tinbeda mill-ġdid attività ekonomika, biex jinħolqu impjiegi u biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet minimi meħtieġa għal żvilupp soċjali sostenibbli;	(e) l-appoġġ għall-miżuri meħtieġa ***għar-riabilitazzjoni u għar-rikostruzzjoni*** tal-infrastruttura ewlenija, tad-djar, tal-bini pubbliku u tal-assi ekonomiċi, kif ukoll ***għall-kapaċità*** produttiva essenzjali, u biex tinbeda mill-ġdid attività ekonomika, biex jinħolqu impjiegi u biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet minimi meħtieġa għal żvilupp soċjali sostenibbli ***kif ukoll biex tinżamm sistema tal-kura tas-saħħa u tal-edukazzjoni aċċessibbli***;

Emenda 22
Proposta għal regolament
Anness I – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) l-appoġġ għall-miżuri biex jiżguraw li l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kunflitt, inkluż l-esponiment tagħhom għal vjolenza bbażata fuq is-sess, jiġu milħuqa adegwatament;	(j) l-appoġġ għall-miżuri biex jiżguraw li l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kunflitt, inkluż l-esponiment tagħhom għal vjolenza bbażata fuq is-sess, jiġu milħuqa ***immedjatament u*** adegwatament;

Emenda 23

Proposta għal regolament
Anness II – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għajnuna teknika u finanzjarja msemmija fl-Artikolu 4 ***tista'*** tkopri l-appoġġ għall-miżuri li għandhom l-għan li jibnu u li jsaħħu l-kapaċità tal-UE u tal-imsieħba tagħha sabiex jiġu evitati l-kunflitti, biex tinbena l-paċi u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżi f'koordinazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sub-reġjonali, ma' atturi statali u mhux statali b'rabta mal-isforzi tagħhom biex:	L-għajnuna teknika u finanzjarja msemmija fl-Artikolu 4 ***għandha*** tkopri l-appoġġ għall-miżuri li għandhom l-għan li jibnu u li jsaħħu l-kapaċità tal-UE u tal-imsieħba tagħha sabiex jiġu evitati l-kunflitti, biex tinbena l-paċi u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżi f'koordinazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sub-reġjonali, ma' atturi statali u mhux statali b'rabta mal-isforzi tagħhom biex:

Emenda 24

Proposta għal regolament
Anness III – punt 1 – subparagrafu 2 - kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
l-għajnuna ***tista'*** tkopri l-appoġġ għall-miżuri li għandhom l-għan li:	l-għajnuna ***għandha*** tkopri l-appoġġ għall-miżuri li għandhom l-għan li:

Emenda 25

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – subparagrafu 2 - kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
l-għajnuna ***tista'*** tkopri l-appoġġ għall-miżuri li għandhom l-għan li:	l-għajnuna għandha tkopri l-appoġġ għall-miżuri li għandhom l-għan li:

PROĊEDURA

Titolu	Il-ħolqien ta' Strument għall-Istabbiltà
Referenzi	COM(2011)0845 – C7-0497/2011 – 2011/0413(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 17.1.2012
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 17.1.2012
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Cristian Dan Preda 14.2.2012
Eżami fil-kumitat	14.5.2012
Data tal-adozzjoni	19.6.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Michael Cashman, Véronique De Keyser, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, Filip Kaczmarek, Michał Tomasz Kamiński, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Jean Roatta, Birgit Schnieber-Jastram, Michèle Striffler, Keith Taylor, Eleni Theocharous, Patrice Tirolien, Ivo Vajgl, Anna Záborská, Iva Zanicchi
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Gesine Meissner, Csaba Őry, Patrizia Toia
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ioan Enciu, Gabriele Zimmer

21.6.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà
(COM(2011)0845 – C7-0497/2011 – 2011/0413(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Damien Abad

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) li jindirizza theddid speċifiku globali u transreġjonali li jkollu effett destabilizzanti, inkluż it-tibdil fil-klima.	c) li jindirizza theddid speċifiku globali u transreġjonali li jkollu effett destabilizzanti***, u jiżgura l-preparazzjoni għall-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' qabel u wara l-kriżi,*** inkluż it-tibdil fil-klima.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Anness I - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet demokratiċi u pluralistiċi tal-Istat, li jinkludi miżuri għat-tisħiħ tar-rwol tan-nisa f'istituzzjonijiet bħal dawn, amministrazzjoni ċivili u oqfsa legali relatati effettivi kemm f'livell nazzjonali kif ukoll f'livell lokali, ġudikatura indipendenti, tmexxija tajba u liġi u ordni***, inkluża kooperazzjoni teknika mhux militari biex jissaħħaħ il-kontroll ċivili ġenerali, u sorveljanza tas-sistema ta' sigurtà u miżuri għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u kull tip ta' traffikar illegali***;	(c) l-appoġġ għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet demokratiċi u pluralistiċi tal-Istat, li jinkludi miżuri għat-tisħiħ tar-rwol tan-nisa f'istituzzjonijiet bħal dawn, amministrazzjoni ċivili u oqfsa legali relatati effettivi kemm f'livell nazzjonali kif ukoll f'livell lokali, ġudikatura indipendenti, tmexxija tajba, rispett tal-liġi u ordni;

Ġustifikazzjoni

Minbarra miżuri ta' apoġġ ġuridiku u leġiżlattiv elenkati fl-Anness 3, l-istrument għandu jippermetti li jitħaffef l-appoġġ għall-kooperazzjoni u appoġġ tekniku għall-kontroll tal-fruntieri biex jiġu indirizzati kull tip ta' traffikar li jiġġenera l-kriżijiet jew il-kunflitti.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Anness I – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-kooperazzjoni ta' appoġġ u dik teknika mal-awtoritajiet ġudizzjarji u doganali involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u kull forma ta' traffikar illeċitu, inkluż it-traffikar tal-bnedmin, u appoġġ għall-kooperazzjoni reġjonali fi kwistjonijiet ta' kontrolli doganali;

Emenda 4

Proposta għal regolament
Anness I – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e) l-appoġġ għall-miżuri meħtieġa sabiex tinbeda r-rijabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni tal-infrastruttura ewlenija, tad-djar, tal-bini pubbliku u tal-assi ekonomiċi, kif ukoll il-kapaċità produttiva ***essenzjali***, u miżuri oħra biex tinbeda mill-ġdid attività ekonomika, biex jinħolqu impjiegi u biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet minimi meħtieġa għal żvilupp soċjali sostenibbli;	e) l-appoġġ għall-miżuri meħtieġa sabiex tinbeda r-rijabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni tal-infrastruttura ewlenija, tad-djar, tal-bini pubbliku u tal-assi ekonomiċi, kif ukoll il-kapaċità ***essenzjali*** produttiva ***u kummerċjali*** essenzjali, u miżuri oħra biex tinbeda mill-ġdid attività ekonomika, biex ***jinżammu u b'mod partikolari biex*** jinħolqu l-impjiegi u biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet minimi meħtieġa għal żvilupp soċjali sostenibbli;

Emenda 5

Proposta għal regolament
Anness I - punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
m) l-appoġġ għall-miżuri soċjoekonomiċi biex jippromwovu l-aċċess ekwu għar-riżorsi naturali f'sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti u l-ġestjoni trasparenti tagħhom;	m) l-appoġġ għall-miżuri soċjoekonomiċi biex jippromwovu l-aċċess ekwu għar-riżorsi naturali f'sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti u l-ġestjoni ***sostenibbli u*** trasparenti tagħhom;

Emenda 6

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri msemmija taħt dan il-punt għandhom jinkludu t-trasferiment ta' know-how, l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prassi, il-valutazzjoni tar-riskju u tat-theddid, ir-riċerka u l-analiżi, is-sistemi ta' twissija minn kmieni, it-taħriġ u *t-twassil* ta' servizz. Il-miżuri jistgħu jinkludu wkoll	Il-miżuri msemmija taħt dan il-punt għandhom jinkludu t-trasferiment ta' know-how, l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prassi, il-valutazzjoni tar-riskju u tat-theddid, ir-riċerka u l-analiżi, is-sistemi ta' twissija bikrija, ***appoġġ għall-ġbir, l-analiżi u l-użu ta' informazzjoni u data***

għajnuna finanzjarja u teknika għall-implimentazzjoni tal-bini tal-paċi u tal-azzjonijiet li jappoġġjaw il-bini tal-istat.	***makroekonomika għall-antiċipazzjoni jew l-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi****,* it-taħriġ u *l-forniment* ta' servizz. Il-miżuri jistgħu jinkludu wkoll għajnuna finanzjarja u teknika għall-implimentazzjoni tal-bini tal-paċi u tal-azzjonijiet li jappoġġjaw il-bini tal-istat.

Ġustifikazzjoni

Il-ġbir u l-analiżi tad-data rigward, pereżempju, r-rati tal-oġġetti primarji, l-inflazzjoni, l-esportazzjoni jew l-importazzjoni ta' oġġetti jew prodotti sensittivi, għandhom ikunu eliġibbli biex jirċievu sostenn mill-Istrument.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fir-rigward tal-assistenza għal sforzi biex jitrażżnu l-kunflitti li fihom il-movimenti armati jew l-alleati tagħhom jużaw minerali mhux maħduma biex jiffinanzjaw it-tali kunflitti, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex l-awtoritajiet leġittimi jiġu megħjuna jiġġieldu din il-prattika u jikkonformaw mal-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tal-Kimberley Process, b'mod speċjali rigward l-implimentazzjoni ta' kontrolli domestiċi effiċjenti tal-produzzjoni u l-kummerċ tad-djamanti mhux maħduma.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Anness III – punt 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) isaħħu l-kapaċità tal-infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji u ċivili involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-forom kollha ta' traffikar	a) isaħħu l-kapaċità tal-infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji u ċivili involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-forom kollha ta' traffikar

illegali u fil-kontroll *effettiv* tal-kummerċ u tat-tranżitu illegali.	illegali***, inkluż it-traffikar tal-bnedmin,*** u fil-kontroll *effikaċi* tal-kummerċ u tat-tranżitu illegali.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-indirizzar ta' aċċess limitat għal oġġetti primarji u ħtiġijiet bażiċi, jew skarsezza tagħhom, li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jheddu s-sostenibbiltà tal-attività soċjoekonomika;

Ġustifikazzjoni

Dan l-objettiv, parzjalment kopert fil-punt m tal-Anness I, għandu wkoll jissemma bħala objettiv tal-istabbilizzazzjoni fit-tul fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament.

PROĊEDURA

Titolu	Il-ħolqien ta' Strument għall-Istabbiltà
Referenzi	COM(2011)0845 – C7-0497/2011 – 2011/0413(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 17.1.2012
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 17.1.2012
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Damien Abad 27.3.2012
Eżami fil-kumitat	30.5.2012
Data tal-adozzjoni	21.6.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 –: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikienė, John Attard-Montalto, Maria Badia i Cutchet, Daniel Caspary, María Auxiliadora Correa Zamora, Marielle de Sarnez, Harlem Désir, Yannick Jadot, Metin Kazak, Franziska Keller, Bernd Lange, David Martin, Paul Murphy, Cristiana Muscardini, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Niccolò Rinaldi, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Gianluca Susta, Iuliu Winkler, Paweł Zalewski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, George Sabin Cutaş, Syed Kamall, Elisabeth Köstinger, Marietje Schaake, Konrad Szymański, Jarosław Leszek Wałęsa, Pablo Zalba Bidegain
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Françoise Castex, Philip Claeys, Anna Maria Corazza Bildt, Marielle Gallo

22.6.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwaqqaf Strument għall-Istabbiltà
(COM(2011)0845 – C7-0497/2011 – 2011/0413(COD))

Rapporteur għal opinjoni: María Muñiz De Urquiza

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Sommarju fil-qosor tal-proposta

L-Artikolu 21 tat-TUE jqiegħed il-preservazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali fiċ-ċentru tal-Azzjoni Esterna tal-UE. Għalhekk, l-Istrument għall-Istabbiltà (IfS), li jipprovdi punt fokali għar-rispons għal kriżi u l-grad ta' tħejjija, kif ukoll il-bini tal-kapaċità fit-tul, huwa strument neċessarju sabiex jinkisbu dawn l-objettivi mħaddna letteralment fit-Trattat.

L-IfS jindirizza bżonnijiet li mhumiex jew li ma jistgħux jiġu koperti mill-istrumenti l-oħra għal azzjoni esterna, u huwa intiż sabiex jipprovdi għajnuna għal:

- rispons urġenti, barra mill-għajnuna umanitarja, għall-kriżijiet
- is-soluzzjoni ta' problemi globali jew transreġjonali li ma jaqgħux fl-ambitu ta' strumenti ġeografiċi jew tematiċi speċifiċi,
- il-kopertura ta' żoni mhux koperti minn strumenti marbuta mal-ODA,
- attivitajiet li jinkludu attivitajiet mhux speċifikament marbuta ma' pajjiż.

L-Istrument għall-Istabbiltà huwa partikolarment importanti fil-livell tal-Unjoni peress li l-UE fl-imgħoddi tat xhieda ta' livell għoli ta' kredibbiltà u newtralità fost l-atturi internazzjonali, u dan jagħtiha vantaġġ kompetittiv tajjeb sabiex tintervjeni f'ħafna żoni ta' kunflitt.

Aspetti baġitarji

Il-Kummissjoni tipproponi li talloka EUR 2.510 biljun (prezzijiet kostanti tal-2011) għall-programm matul il-perjodu 2014-2020. Dan ifisser 47% żieda f'termini reali apparagun mal-fondi allokati għall-istess strument bejn l-2007 u l-2013 (EUR 1.710 biljun, prezzijiet kostanti tal-2011). Għall-finijiet ta' tqabbil, iż-żieda ġenerali tal-finanzjament għall-Intestatura 4 is

madwar 23.20%. Madankollu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li ż-żieda proposta għal dan l-istrument hija f'ċertu sens artifiċjali peress li fil-perjodu 2007-13, il-fondi ttieħdu b'mod rikorrenti mill-Istrument għall-Istabbilità sabiex jiġu ffinanzjati prijoritajiet oħra bħall-Faċilità għall-ikel għal pajjiżi li qed jiżviluppaw (Baġit 2009) jew il-politika tal-viċinat imġedda insegwitu tar-Rebbiegħa Għarbija (Baġits 2011, 2012, 2013). Taqbilħaqq, l-ammont ta' referenza inizjalment miftiehem fl-2006-7 għall-Istrument għall-Istabbilità kien fil-fatt EUR 2.062 biljun (prezzijiet kurrenti).

F'din l-opinjoni, ir-Rapporteur tixtieq tqiegħed l-enfasi fuq il-bżonn li l-benefiċjarji jkollhom aċċess issemplifikat u aktar flessibbli għall-finanzjament. Il-proposta tal-Kummissjoni diġà tikkostitwixxi pass fid-direzzjoni t-talba billi tistabbilixxi proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet armonizzati, issemplifikati u flessibbli, b'mod konformi mar-Regolament Finanzjarju, tippermetti effett aktar dirett u effikaċi tal-istrumenti finanzjarji permezz ta' kompatibbiltà mtejba u l-użu ta' effetti ta' ingranaġġ, tistabbilixxi proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet flessibbli permezz tal-użu ta' atti ddelegati u tiżgura l-komplementarjetà bejn l-għajnuna tal-UE u dik tal-Istati Membri.

Madankollu, il-proposta fiha xi nuqqasijiet, u r-Rapporteur tixtieq tindirizzahom permezz tal-emendi ssuġġeriti. Ir-Rapporteur tixtieq tinsisti fuq il-koordinazzjoni mhux biss tal-għajnuna tal-UE u dik tal-Istati Membri iżda wkoll fuq il-koordinazzjoni u l-koerenza tal-għajnuna ma' donaturi internazzjonali, lokali u reġjonali. Barra minn hekk, għandu jkun hemm aktar flessibbiltà għal dak li jikkonċerna l-flus mhux minfuqa, u għandu jiġi żgurat rwol suffiċjenti għall-Parlament Ewropew fit-tħejjija tal-miżuri ta' għajnuna eċċezzjonali, l-għajnuna għall-prevenzjoni ta' kunflitti, is-sitwazzjonijiet ta' kriżi u l-indirizzar ta' theddid globali u transreġjonali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	1a. Jirrimarka li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġiżlattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġiżlattiva u dan ma jistax ikun iffissat sakemm jintlaħaq qbil fuq il-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin

2014-2020;

Emenda 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1b (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	1b. Ifakkar ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva"[1]; itenni li huma meħtieġa riżorsi addizzjonali suffiċjenti fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss sabiex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-prijoritajiet politiċi eżistenti tagħha u twettaq il-kompiti ġodda u msaħħa previsti mit-Trattat ta' Lisbona, kif ukoll biex tirreaġixxi għal avvenimenti mhux mistennija; jistieden lill-Kunsill, jekk ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet jew proġetti politiċi tiegħu jistgħu jitneħħew kompletament, minkejja l-garanzija tal-valur miżjud Ewropew tagħhom;
	[1]Testi adottati, P7_TA(2011)0266.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Filwaqt li l-għajnuna esterna tal-Unjoni għandha ħtiġijiet finanzjarji li dejjem qed jiżdiedu, is-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal din l-għajnuna. Għalhekk, il-Kummissjoni trid tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli,	(10) Filwaqt li l-għajnuna esterna tal-Unjoni għandha ħtiġijiet finanzjarji li dejjem qed jiżdiedu, is-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal din l-għajnuna. Għalhekk, il-Kummissjoni trid tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli,

b'mod partikolari permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji li għandhom effett ta' stimolu. Tali effett ta' stimolu jiżdied billi tingħata l-possibbiltà li jintużaw u li jintużaw mill-ġdid il-fondi investiti u ġġenerati mill-istrumenti finanzjarji.	b'mod partikolari permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji li għandhom effett ta' stimolu***, iżda mingħajr ma jiġi kompromess l-użu korrett u ekwu tar-riżorsi tal-Unjoni***. Tali effett ta' stimolu jiżdied billi tingħata l-possibbiltà li jintużaw u li jintużaw mill-ġdid il-fondi investiti u ġġenerati mill-istrumenti finanzjarji ***skont id-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[1].*** __________ ***[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.***

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) It-titjib tal-implimentazzjoni u tal-kwalità tal-infiq għandu jikkostitwixxi prinċipju gwida għall-ilħuq tal-objettivi tal-Istrument filwaqt li jiġi żgurat l-użu ottimali tar-riżorsi finanzjarji.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Huwa importanti li jiġu żgurati l-ġestjoni finanzjarja soda tal-Istrument u l-implimentazzjoni tiegħu bl-aktar mod effettiv u faċli għall-utent, filwaqt li għandhom jiġu wkoll żgurati ċ-ċertezza legali u l-aċċessibbiltà tal-Istrument għall-parteċipanti kollha.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 13c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13c) L-għajnuna tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandha tkun konsistenti u koerenti mal-implimentazzjoni ta' strumenti esterni oħra u kkoordinata ma' għajnuna bilaterali provduta mill-Istati Membri, atturi reġjonali u lokali u organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu evitati azzjonijiet li jkopru l-istess affarijiet u li l-finanzjament ikun trasparenti bejn l-azzjonijiet u l-istrumenti.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-għajnuna teknika u finanzjarja tal-Unjoni sabiex jinkisbu l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tista' tiġi adottata b'rispons għal sitwazzjoni ta' urġenza, ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti, għal sitwazzjoni li tkun ta' theddida għad-demokrazija, għal-liġi u għall-ordni, għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali jew għas-sigurtà u s-sikurezza tal-individwi, jew għal sitwazzjoni li tista' teskala għal kunflitt armat jew li tiddistabilizza serjament lill-pajjiż(i) terz(i) ikkonċernat(i). Miżuri bħal dawn jistgħu wkoll jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn l-Unjoni invokat klawżoli ta' elementi essenzjali ta' Ftehimiet internazzjonali biex tissospendi, parzjalment jew totalment, il-	1. L-għajnuna teknika u finanzjarja tal-Unjoni sabiex jinkisbu l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tista' tiġi adottata b'rispons għal sitwazzjoni ta' urġenza, ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti, għal sitwazzjoni li tkun ta' theddida għad-demokrazija, għal-liġi u għall-ordni, għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali jew għas-sigurtà u s-sikurezza tal-individwi, jew għal sitwazzjoni li tista' teskala għal kunflitt armat jew li tiddistabilizza serjament lill-pajjiż(i) terz(i) ikkonċernat(i). Miżuri bħal dawn jistgħu wkoll jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn l-Unjoni invokat klawżoli ta' elementi essenzjali ta' Ftehimiet internazzjonali biex tissospendi, parzjalment jew totalment, il-

kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu informati malajr u b'mod regolari bil-miżuri ta' għajnuna eċċezzjonali, inklużi l-kwantitajiet finanzjarji previsti, qabel ma tiġi adottata deċiżjoni fuq dawn il-miżuri.***

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni għandha tipprovdi għajnuna teknika u finanzjarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2) fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tat-tħejjija għall-kriżijiet u tal-bini tal-paċi.	1. L-Unjoni għandha tipprovdi għajnuna teknika u finanzjarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2) fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tat-tħejjija għall-kriżijiet u tal-bini tal-paċi. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu kkonsultati b'mod regolari dwar il-miżuri proposti, inklużi l-kwantitajiet finanzjarji previsti.***

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Unjoni għandha tipprovdi għajnuna teknika u finanzjarja sabiex jintlaħqu l-miri speċifiċi stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2) fl-oqsma dettaljati speċifikati fl-Anness III. L-indikatur tal-prestazzjoni għall-għajnuna se jkun il-grad sa fejn tkun ġiet allinjata l-politika ta' sigurtà esterna rilevanti tal-UE, inkluża d-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna.	L-Unjoni għandha tipprovdi għajnuna teknika u finanzjarja sabiex jintlaħqu l-miri speċifiċi stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 1(2) fl-oqsma dettaljati speċifikati fl-Anness III. L-indikatur tal-prestazzjoni għall-għajnuna se jkun il-grad sa fejn tkun ġiet allinjata l-politika ta' sigurtà esterna rilevanti tal-UE, inkluża d-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu informati malajr u b'mod regolari dwar il-miżuri proposti, inklużi l-kwantitajiet finanzjarji previsti.***

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel ma tadotta jew iġġedded il-Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali li jiswew sa EUR 30 000 000, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar in-natura u l-objettivi tagħhom u dwar il-kwantitajiet finanzjarji previsti. Bl-istess mod, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill qabel ma tagħmel bidliet sostanzjali fil-Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali li jkunu diġà adottati. Hija għandha tqis l-approċċ ta' politika rilevanti tal-Kunsill kemm fl-ippjanar kif ukoll fl-implimentazzjoni sussegwenti ta' dawn il-miżuri, fl-interessi tal-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE.	5. Qabel ma tadotta jew iġġedded il-Mi¿uri ta' Għajnuna Eċċezzjonali li jiswew sa EUR 30 000 000, il-Kummissjoni għandha tinforma ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill dwar in-natura u l-objettivi tagħhom u dwar il-kwantitajiet finanzjarji previsti. Bl-istess mod, il-Kummissjoni għandha tinforma ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill qabel ma tagħmel bidliet sostanzjali lill-Mi¿uri ta' Għajnuna Eċċezzjonali li jkunu diġà adottati. Hija għandha tqis l-approċċ ta' politika rilevanti tal-Kunsill kemm fl-ippjanar kif ukoll fl-implimentazzjoni sussegwenti ta' dawn il-miżuri, fl-interessi tal-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Madankollu, fis-sitwazzjonijiet*** eċċezzjonali ta' urġenza li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3(1), il-Kummissjoni tista' tadotta Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali li ma jiswewx aktar minn EUR 3 000 000, ***mingħajr ma jkollha għalfejn*** tinforma lill-Kunsill minn qabel.	6. ***Fis-sitwazzjonijiet*** eċċezzjonali ta' urġenza li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3(1), il-Kummissjoni tista' tadotta Miżuri ta' Għajnuna Eċċezzjonali li ma jiswewx aktar minn EUR 3 000 000, ***u*** tinforma ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill minn qabel ***permezz ta' proċedura bil-miktub***.

PROĊEDURA

Titolu	Il-ħolqien ta' Strument għall-Istabbiltà
Referenzi	COM(2011)0845 – C7-0497/2011 – 2011/0413(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 17.1.2012
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 17.1.2012
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	María Muñiz De Urquiza 6.2.2012
Eżami fil-kumitat	21.3.2012
Data tal-adozzjoni	20.6.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 –: 2 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Francesca Balzani, Reimer Böge, Zuzana Brzobohatá, Andrea Cozzolino, James Elles, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Estelle Grelier, Lucas Hartong, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Sergej Kozlík, Giovanni La Via, George Lyon, Barbara Matera, Claudio Morganti, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, László Surján, Helga Trüpel, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Franziska Katharina Brantner, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Jürgen Klute, Jan Mulder, María Muñiz De Urquiza, Georgios Papastamkos, Paul Rübig, Peter Šťastný, Theodor Dumitru Stolojan
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz

PROĊEDURA

Titolu	Il-ħolqien ta' Strument għall-Istabbiltà
Referenzi	COM(2011)0845 – C7-0497/2011 – 2011/0413(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	7.12.2011
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 17.1.2012
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 17.1.2012 INTA 17.1.2012 BUDG 17.1.2012
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Reinhard Bütikofer 5.10.2011
Rapporteur(s) preċedenti	Franziska Katharina Brantner
Eżami fil-kumitat	10.7.2012
Data tal-adozzjoni	5.12.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 47 –: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Elmar Brok, Jerzy Buzek, Mark Demesmaeker, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Alexander Graf Lambsdorff, Vytautas Landsbergis, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, György Schöpflin, Werner Schulz, Marek Siwiec, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Nikola Vuljanić, Sir Graham Watson, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Marije Cornelissen, Kinga Gál, Barbara Lochbihler, Antonio López-Istúriz White, Doris Pack, Ivo Vajgl, Paweł Zalewski
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Hiltrud Breyer
Data tat-tressiq	6.12.2013